# L-GĦAĠLA U L-ARTI

Iż-żmien li aħna fih hu żmien tal-għaġla, żmien tal-ħeffa f'kollox: fil-vjaġġi, fix-xogħol, fl-arti u, konna sa ngħidu, fil-ħajja wkoll.

Vjaġġi li dari jsiru fi ħmistax-il-ġurnata illum isiru f'anqas minn ħmistax-il-siegħa: biċċa xogħol li bl-idejn kienet trid ix-xhur illum bil-makni tinħadem f'anqas minn jum; ktieb li dari kien jitlob is-snin biex jinkiteb, jintabagħ u jixtered, illum issibu miegħek qisu f'ħolma. Il-bniedem sar donnu bla sabar, dejjem imgħaġġel, dejjem ma jlaħħaqx: għalhekk il-ħajja donnha qsaret, u dak li fiż-żmenijiet l-imgħoddija kien jeqdiem f'mitt sena, illum jista' jeqdiem f'anqas minn mitt jum.

Din il-ħeffa u din il-għaġla ġiebu tibdil kbir mhux biss fil-ħajja materjali, iżda wkoll fil-ħajja xjentifika u l-iżjed fil-ħajja artistika. Hi hekk kbira din il-għaġla li xi wħud donnhom jibżgħu li sa kemm jiġu biex imutu huma, ix-xogħlijiet artistiċi tagħhom ikunu diġà qdiemu, u biex għallinqas l-opri tagħhom ma jmutux qabilhom, ħasbu li jpinġu, jonqxu u jiktbu xi ħwejjeġ li huma jaħsbu li jkunu jingħoġbu fiż-żmien li għad irid jiġi. Inħoloq hekk dak li f'dawn l-Arti jissejjaħ *Futuriżmu*.

Jarġa', billi bil-ħeffa fil-vjaġġi u l-aktar bil-ħeffa tal-komunikazzjonijiet bir-radjo il-"bogħod", nistgħu ngħidu li ħarab mid-dinja, u l-pajjiżi, għalkemm eluf ta' mili mifrudin minn xulxin, saru donnhom pajjiż wieħed, tnisslet ukoll il-fehma u x-xewqa ta' Arti Internazzjonali, jiġifieri ta' Arti —pittura skultura mużika u poeżija li tista' togħġob lil kulħadd fid-dinja u *tkun* ta' kulħadd.

Ħafna żgħażagħ, li dejjem u kullimkien iħobbu l-ġdid u bil-ħeġġa kollha ta' qalb mimlija saħħa u tama jintefgħu għal kull ma turihom il-fantasija, dlonk ħaddnu dawn il-fehmiet, u llum tara u tisma' ħwejjeġ illi, jekk xi drabi juru xejriet sbieħ u għaqlin f'min jaħdimhom, bosta drabi oħra juru illi l-ġdid fl-Arti ma hux ħaġa oħra ħlief thewdin

tal-moħħ u deħriet fiergħa ta' ġmiel li ma jinsab imkien ħlief fil-fantasija ta' min joħloqhom.

Għalhekk fuq din l-arti maħluqa mill-ħajja nervuża u maħruba tal-lum, in-nies ta' nervi qawwijin u ta' qalb soda ma tkellmux la bi kliem ta' tifħir anqas bi kliem ta' tama sabiħa; bil-maqlub qalu fuqha kliem li juri ċar li huma ma rabtux qalbhom magħha.

Erba' kelmiet, li fihom xi ttiegħem, fuq il-Poeżija Moderna li trid tinqata' għalkollox mix-xejra tal-poeżija taż-żmien ta' qabilna, qalhom G. K. Chesterton: " Dak li trid id-dinja, u dak li d-dinja qiegħda tistenna ma hix Poeżija Moderna jew Poeżija Klassika, jew Poeżija Neo-klassika—iżda Poeżija Tajba". (Ara: 'The Illustrated London News tad-9 ta' Frar, 1935). U fuq l-Arti, l-aktar fuq il-Mużika Internazzjonali, erba' kelmiet il-ġmiel tagħhom xeħet bir-Radjo lill-ħbieb ta' l-Amerika Ottorino Respighi fit-taħdita tiegħu fuq il-Mużika Taljana tal-lum: "Jiena ma nemminx illi Arti Internazzjonali tista' tgħix: l-arti ma tistax titrawwem jekk ma hix ħierġa mill-qiegħ tal-qalb, jekk ma hix il-wirja u t-tifsira ħajja ta' bniedem. U billi l-għelma ewlenija u l-iżjed qawwija ta' kull bniedem hi dik tan-nisel u tal-ġens, l-arti trid tkun b'saħħa l-espressjoni ta' poplu. Tista' mbagħad issir universali, jekk ikollha l-qawwa u s-setgħa li tfisser u ssaħħaħ dawk is-sentimenti li qegħdin fis-sisien tas-sura tal-bniedem u li għalhekk huma wirt tal-ġnus kollha." (Ara: Radio Corriere tal-10 ta' Frar, 1935).

DUN KARM